MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

IS-SEBA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 509

Il-Ħamis 16 ta' Mejju, 2019

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar, fis-7.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Marc Vella Bonniċi – Sindku
Mark Grech – Viċi-Sindku
Joseph Buttigieg – Kunsillier
John J Pace – Kunsillier
Anna Calleja – Kunsilliera
Brian Spiteri – Kunsillier
Joseph Agius – Kunsillier
Julian Paul Scicluna – Kunsillier
Roderick Vella – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI

Joseph Vella – Kunsillier
Joseph Bonnici – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

MINUTI

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

509.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

509.1.1 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Joseph Vella fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Joseph Vella jkun skużat.

509.1.2 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Joseph Bonnici fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Roderick Vella, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Joseph Bonnici jkun skużat.

509.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti

509.2.1 Il-minuti tal-508 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace.

509.3 Approvazzjoni ta' finanzi

509.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill l-iskeda tal-ħlasijiet għall-perjodu 30 t'April, 2019 sas-16 ta' Mejju, 2019 li kien jammonta għal €65,993.45. Dan ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sur Brian Spiteri li ġiet issekondata mis-Sur Roderick Vella.

509.3.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ukoll quddiem il-Kunsill il-*petty cash expenditure* għax-xahar t' April 2019 li kien jammonta għal €69.96. Dan ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Julian Paul Scicluna.

509.4 Rapport tal-Udituri u Ittra ta' Direzzjoni

509.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill ir-Rapport tal-Awditur għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2018 flimkien mal-Ittra ta' Direzzjoni u kopja tat-tweġiba għall-punti mqajma f'din l-ittra. Kopja ta' dawn id-dokumenti ngħatat lil kull membru tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill approva unanimament ir-risposta għall-Ittra ta' Direzzjoni.

509.4.2 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Julian Paul Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 17 ta' Ġunju fis-6.00 ta' filgħaxija.

509.4.3 Il-laqgħa spiċċat fis-7.15 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-510 laqgħa li saret nhar it-Tnejn 17 ta' Ġunju 2019.

IFFIRMATA

Marc Vella Bonnici
Sindku